MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 4/2013

Kenneth Grech Company Limited
Vs
Dorian Xuereb.

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet is-somma ta' elf mitejn u hamsin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1250.87) rapprezentanti flus li l-konvenut gia impjegat tas-socjeta attrici, gabar minghand klijenti u li naqas li jhallashom lil kumpanija attrici kif kien tenut li jaghmel. Dan bl-imghaxijiet, bl-ispejjes kollha u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Illi ra r-rispota ta' Dorian Xuereb, fejn dan innega u cahad t-tallbiet attrici.

Ra in-nota tal-kumpanija attrici tal-17 ta' Gunju 2013 fejn it-talba giet ridotta ghas-somma ta' elf mija u sittin Ewro u tletin centezmu (€ 1160.30).

Ra d-dokumenti kollha esebiti, nkluzi dawk esebiti animo ritirandi.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.
Illi din il-kawza si tratta minn flus illi l-konvenut , gia salesman tal-kumpanija attrici thallas minghand klijent partikolari u appropja ghalih billi naqas minn li jghaddihom lis-socjeta attrici.

Il-konvenut qed jichad dan u qed jghid illi huwa dejjem mexa sew u dejjem hallas dak li kien gabar minghand il-klijenti lis-socjeta attrici mmexxija minn l-azzjonist u direttur taghha Michelangelo sive Kenneth Grech.

L-allegazzjoni migjuba mill-kumpanija attrici hi wahda serja. Allegazzjoni li jew tistrieh jew fuq in-negligenza grassa tal-konvenut jew aktarx (kif jidher li qed jigi allegat) fuq ir-rejat kriminali ta' misapproprijazzjoni indebita.

Il-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza kif mistenni huma dijametrikament opposti ghal xulxin. F'kaz bhal dan wiehed irid jibda biex jezamina l-provi tal-kumpanija attrici li fuq spallitha hu l-piz tal-prova. Prova li fuq il-bazi tal-bilanc tal-propabilitijiet trid twassal ghal konvincament morali tal-gudikant.

In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. (**Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi** Appell Inferjuri 22 ta' Novembru 2002)

Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att promutur. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal- probabilitajiet. **(Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).

Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili. Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952)

Jekk l-attur ma jilhaqx dan il-grad ta' prova l-ezami gudizzjarju ghandu jieqaf hemm, izda jekk dan jilhaq dan il-grad ta' prova ikun mehtieg l-ezami tal-provi mressqa mill-konvenut.

Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-verzjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".

Fil-kaz odjern dan it-tribunal fela dettaljatament il-provi migjuba mill-kumpanija attrici. Indubbjament dawn jistriehu hafna fuq is-suppozizzjonijiet ta' Michaelangelo sive Kenneth Grech, izda l-provi korrobaranti huma provi fjakki. Huma possibilitajiet (mhux probabilitajiet) ta' x'seta gara. Is-sistema mhaddma minn Grech fil-kumpanija tieghu ma kinitx xi sistema professjonali li wiehd jistenna minn kumpanija kummercjali ta' certa entita. Is-sistema jidher li kien fiha nuqqasijiet serji. Anke l-mod kif kien

jahdem is-salesman innifsu ma kien xejn professjonali. U dan kollu kien isir bl-akwixxenza u l-barka ta' Kenneth Grech innifsu. Tqattigh ta' dokumenti minn gol-ktieb relattiv; dokumenti mhux iffirmati; dokumenti li ma jaqblux mal-computer records, certa invoices trattati mod u ohrajn iehor, u nuqqasijiet ohra fejn is-sistema kienet tithaddem qisha xi haga 'home made'. Tali nuqqas ta' organizzazzjoni serja u kif jitlob in-negozju jispjega il-fatt illi meta dan it-Tribunal talab dokumenti oha lil Kenneth Grech u li dan prometta illi ser igibhom, sussegwentament fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2013 dan iddikjara li ma sab xejn! L-anqas jista dan it-tribunal jinjora il-mod xejn kredibbli u konvincenti kif xhed Michaelangelo sive Kenneth Grech u l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Dan bil-konsegwenti kontradizzjonijiet serji li rrizultaw fix-xhieda ta' l-istess Kenneth Grech bejn darba u ohra.

Munita b'dawn il-provi b'sistema li fiha diversi lacunae u li sahansitra jigi azzardat jinghad illi tippermetti abbuzi minn kull min imiss maghha, hija ferm difficcli jekk mhux impossibbli ghal kumpanija attrici li tigi quddiem l-awtorita' gudizzjarja u tipprova l-kaz taghha. Minn naha l-ohra l-verzjoni tal-konvenut f'cirkostanzi bhal dawn hi wahda plawsibbli.

Wara li fela dan kollu u l-provi kollha bir-reqqa, dan it-tribunal hu tal-opinjoni illi f'dan il-kaz iz-zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera. Fi kliem iehor ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra. F'tali sitwazzjoni "ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet. Actor non probante, reus absolvitur" – ("**Joseph Vincent Rausi noe –vs- Joseph Muscat**", Prim'Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru 1995.

Kif rilevat f'sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri**",

Prim'Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972, "f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex it- tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu". Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet **"Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999.

F'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis il-kaz tas-socjeta attrci ma giex sodisfacentament u konkludentament pruvat. Dan it-tribunal fl-apprezzament tal-provi tieghu ma jhossux moralment u koxjenzjosament konvint mill-kaz attrici, sal-grad li titlob il-ligi.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet tal-kumpanija attrici; bl-ispejjes kollha kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------